MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 818/2014

**Subbasta Numru 9/14:**

**Dorianne Sammut (KI 165076M)**

**VS**

**Charles Sammut (KI 229764M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Carmelo sive Charlie Sammut tat-22 t'Awwissu 2014 li jaqra hekk:

*"Illi fil-5 ta' Awwissu, 2014, huwa ghadu kemm gie notifikat bl-atti ta' din is-subbasta li giet pprezentata fit-3 ta' Marzu,2014, fejn ir-rikorrenti talbet il-bejgh tal-fond parafernali ta' l-intimat, ossia l-garaxx bla numru u bla isem li jinsab fil-livell tas-semi basement li jinsab fuq in-naha tal-lemin meta thares lejn il-gorages, taht il-blokka ta' appartamenti bl-isem ta' "Kibowi Apartments", Triq il- Frejgatina, Qawra, San Pawl il-Bahar.*

*Illi fl-4 ta'Awwissu,2014, ir-rikorrenti Dorianne Sammut, ipprezentat rikors fejn talbet illi d-debitu ta' €6,000 ghal manteniment illi hija kienet qed titlob ghal perjodu bejn id-29 ta' Lulju, 2013 u d-29 ta' Frar, 2014, bir-rata ta' €750 fix-xahar. Bir-rikors odjern, hija talbet*

*korrezzjoni fis-sens illi l-manteniment dovut sa llum jammonta ghal €10,500 u cioe' ghal perjodu bejn id-29 ta' Lulju, 2013 sad-29 ta' Awwissu, 2014.*

*Illi l-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha ta' l-4 ta' Awwissu, 2014 u ordnat li l-intimat jigi notifikat fl-Awla ta' l-Onorevoli Magistrat Consuelo Scerri Herrera.*

*Illi l-intimat mar ifittex fl-atti tas-subbasta u b'sorpriza ghalih sar jaf illi l-Perit Elena Borg Costanzi giet nominata biex tistma l-fond in kwistjoni u sgassaw l-istess fond minghajr ma' l-intimat gie notifikat biex ikun prezenti u jiftah l-istess post.*

*Illi r-rapport tal-Perit Elena Borg Costanzi, ghadu ma giex imhalllas lill-Perit Elena Borg Costanzi u ghalhekk ma jafx xi stima ghamlet ta' l-istess.*

*Illi jrid jirrileva illi huwa dejjem ried ihallas il-manteniment ghal martu u ghal uliedu, tant illi huwa kien diga beda johrogilha cekkijiet ghal hlas ta' dan l-istess manteniment li ssarfu. Sussegwentement, ir-rikorrenti, dehrilha li kellha tohrog Mandati Kawtelatorji partikolarment ta' Sekwestru u Inibizzjoni illi b'hekk il-banek waqfu milli jhallsu l-import tac-cekkijiet mahruga mill-intimat u dank kif jirrizulta mid-dokument CS1 datat 18 ta' Dicembru 2013.*

*Illi kif jirrizulta mill-istess dokument CS1datat 18 ta' Dicembru, 2013 jekk din il-Qorti tordna li jithallsu l-flus minn dan il-kont partikolari, il-manteniment lil Dorianne Sammut jigi sodisfatt wara l-hrug tal-kontro mandat relattivi.*

*Illi ghandu jigi rilevat illi minkejja dan, kull xahar, l-intimat hareg regolarment cekkijiet lil martu ghal pagament ta' l-istess manteniment, li ma setghux jigu msarrfa minnha minhabba l-Mandati Kawtelatorji illi hija harget.*

*Illi fil-minuta tas-separazzjoni stess, ezebita fl-atti tas-separazzjoni Rikors Guramentat Nru: 220/13AL fl-ismijiet "Dorianne Sammut vs. Charles Sammut" - differita quddiem l-Imhallef Abigail Lofaro ghas-seduta tal-25 ta' Novembru, 2014, gie dikjarat illi l-manteniment ma setghax jithallas minhabba l-hrug tal-Mandati Kawtelatorji fuq imsemmija u gie miftiehem illi kellhom jithallsu mill-intimat mat-tnehhija ta' l-istess.*

*Illi minn dak iz-zmien lil hawn, hallas id-djun ta' l-overdroft illi huwa kellu mal-banek, partikolarment mal-kont li kellu ma' I-HSBC Bank Malta Plc u l-kont partikolari numru 039021936001 minn fejn kienu jinhargu dawn ic-cekkijiet huwa in kreditu u jista' jigi sodisfatt il-manteniment in kwistjoni.*

*Illi ghandu jigi relevat illi dan il-bejgh in subbasta tal-proprjeta' in kwistjoni, m'ghandhiex ghalfejn issir gja la darba huwa jista' jhallas il-manteniment u l-bank HSBC Bank Malta Plc jista' jonora c-cekkijiet minnu mahruga meta jitnehhew il- Mandati Kawtelatorji fuq imsemmija.*

*Illi jekk din il-qorti jidhrilha li l-Mandati Kawtelatorji fuq imsemmija m'ghandhomx jitnehhew, almeno tista' tordna lil HSBC Bank Malta Plc biex thallas l-import tac-cekkijiet mahruga mill-intimat favor ir-rikorrenti, stante illi l-unika impediment biex dan isir huma l-istess mandati kawtelatorji mahruga mir-rikorrenti.*

*Illi bil-Mandati Kawtelatorji kif mahruga mir-rikorrenti, l-intimat huwa f impossibilta' li jahdem tant illi mhux qed jahdem, kif jirrizulta mid-dokument mahrug milI-ETC stess hawn anness mmarkat bhala Dok. CS2.*

***Illi l-Artikolu 353 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi kemm-il darba d-debitur jipprezenta ghal irkant hwejjeg mobbli biex bihom jista' jithallas id-debitur bla ebda xkiel jew tfixkil, l-irkant ta' l-immobbli ghandu jigi mwaqqaf.***

*Illi l-intimat ghandu bizzejjed fondi fil-kont fuq riferit biex ihallas dan il-manteniment u ghalhekk sta ghall-istess rikorrenti biex tnehhi l-Mandat biex hija tkun tista' tithallas tal-manteniment dovut lilha.*

*Illi mhux korrett illi r-rikorrenti tordna l-bejgh b' subbasta ta' immobbli meta dan gabitu hija stess bl-azzjonijiet taghha, ossia bil-hrug tal-mandati fuq imsemmija meta hemm bizzejjed flus likwidi ghal hlas tal-manteniment lilha dovut.*

*Illi in oltre', l-intimat ghandu mobbli ohra li jistghu jinbieghu fosthom Peugeot 3008 bin-numru ta' registrazzjoni "NADEGE" li l-valur taghha huwa iktar minn dak li r-rikorrenti ghandha tiehu.*

*Illi in oltre' jekk dan m'huwiex bizzejjed biex l-intimata tkun sodisfatta fil-krediti taghha, hemm bini tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u bejn l-intimat li jistghu jigu mibjugha, fosthom terz indiviz tal-Apartament numru 7,"HydePark", Triq is-Sultana, Paola, u ghalhekk ai termini ta' l-Artikolu 353(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm-il darba d-debitur jipprezenta immobbli iehor li jkun bizzejjed li jithallas il-kreditur bla ebda xkiel jew tfixkil, dan l-irkant ghandu jigi mwaqqaf.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:*

*1. Twaqqaf l-irkant ai termini tal-Artikolu 353(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi huwa ghandu hwejjeg mobbli ossia flus likwidi depozitati fil-kont numru 039021936001 ma' l- HSBC Bank Malta Plc, biex jigi sodisfatt il-kreditu tar-rikorrenti Dorianne Sammut u jekk dan ma jkunx bizzejjed, tordna l-bejgh tal-karozza Peugeot 3008 bir-registrazzjoni "NADEGE" proprjeta' ta' l-intimat.*

*2. Fin-nuqqas ta' dan u bla pregudizzju ghal premess, dan l-irkant ghandu jigi mwaqqaf ukoll stante illi ai termini ta' l-Artikolu 353(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, d-debitur intimat qed jipprezenta immobbli iehor u cioe' terz indiviz ta' l-Apartment numru 7, "Hyde Park" , Triq is-Sultana, Paola, liema sehem indiviz jizboq il-valur tad-debitu mitlub mir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez.”*

Rat id-digiet taghha tas-19 ta’Settembru 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-3 t’Ottubru 2014 fl-9.45am;

Rat illi l-atti tar-rikors, digiret u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lil partijiet skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta’Dorianne Sammut tat-12 ta’Settembru 2014 (a fol.6) li taqra hekk:
*“<u>Illi l-esponenti topponi ghat-talbiet kollha u tichad l-pretensjonijiet kollha tal-intimat u dan ghar-ragunijiet segwenti:</u>*

***Dwar l-alegazzjoni ta’ nuqqas ta’ notifika:***

*Illi Carmelo sive Charlie Sammut kien notifikat regolarment bl-appuntament ghal access/accessi li saru mill-Perit Elena Borg Costanzi; minn verifiki li ghamlet l- esponenti in-notifika saret kemm by ordinary mail u kemm bil-posta registrata; l-intimat kien jaf b'dawn l-appuntament tant li fl-ewwel appuntament kien cempel lil Perit, jinfurmha sabiex tbiddel id-data ta' l-access ghax dak inhar kien qieghed l-isptar; minkejja li sar appuntament iehor l-intimat ma kienx attenda;*

*Illi kif inhi konswetudni kien biss meta Carmelo Sammut ma ikkollaborax mal-Perit Elena Borg Costanzi li kellu jsir l-isgass ta' l-istess fond fil-presenza tal-Pulizija u tal- Marixalli;*

*Illi mhux minnu li l-Perit ma thallsitx, fil-fatt r-rapporti gie ippresentat u anke mahluf;*

***Titolu ezekuttiv***

*Illi minkejja digriet ezekuttiv ta' manteniment moghti f'Mejju 2013 tal-Qorti tal-Familja (esebit fl-atti) , l-intimat ghazel li ma jhallasx l-istess u ghalhekk qed isir din is-subbasta; jirrizulta mill-atti li l-intimat ilu moruz minn Lulju 2013;*

*Illi ta' min jirrimarka li l-intimat dejjem juza l-istess skuza sabiex ma ihallasx l- manteniment dovut lil uliedu u lil martu u cioe li hemm mandat ta' sekwestru fuq d- depositi bankarji li tinpedih li ihallas; dan l-punt gie trattat ad nausam quddiem il-Qorti tal-Familja, fejn l-istess Qorti, mill-provi li gew imressqa quddiemha, cahdet it-talbiet kollha tal-intimat ghar-revoka tal-mandati kollha stante li irrizulta, li mhux biss jekk il-mandati jitnehhew, l-esponenti kienet ser tbati pregudizzju irrimedjabbli, talli l-intimat kellu fil-pussess tieghu sommom konsiderevoli ta' flus li kien lahaq zbanka, cirka Eur 200,000 f'kontanti ara* **Dok DS1***; irrizulta wkoll fl-atti tal-kawzali l-intimat ghandu dhul konsiderevoli minn bejgh ta' vetturi fuq sistema ta' hire and purchase ta' cirka €30,000 fix-xahar f'idejh;*

*Illi lanqas ma huwa minnu li kien hemm ftehim li dawn il-mandati kellhom jitnehhew sabiex jithallas l-manteniment anzi gie deciz mill-Qorti tal-Familja li kemm il-darba dawn l-mandati jitnehhew l-intimat jerga jghabbi l-komunjoni b'dejn kif ghamel ara* ***Dok DS1****;*

*Illi lanqas hu minnu li l-intimat m'ghadux jahdem, dan ghal fatt li Carmelo Sammut huwa direttur wahdu ta' zewg kumpaniji Charlie Auto Dealer Limited u Charlie Properties Limited ara* ***Dok DS2*** *li jindika li Carmelo Sammut huwa l-unika azzjonist u direttur taz-zewgt kumpaniji* ***Dok DS3 DOK 4****;fil-kumpanija tad-Dealer ghandha numru ta' vetturi mibjugha u ghal liema l-intimat jihallas fix-xahar; ma hemm ebda mandat fuq tali pagamenti; is-socjeta tal-proprjeta ghandu numru ta' appartamenti li tikri lil terzi u li bicciet minnhom qieghdin fuq konveju ghal bejgh;*

*Illi umilment jigi sottomess li titolu ezekuttiv jikkanonizza kreditu u huwa obbligu tad-debitur li jithallas; dan id-digriet ta'manteniment sal-lum ghadu in vigore u ghalhekk l esponenti tibqa kreditrici; tkun kwistjoni differenti li kieku kien hemm revoka tad- digriet ta' manteniment imma sakemm dan ma sehhx l-arretrati li qed jakkumulaw iridu jithallsu;*

*Illi t-talba ta' l-intimat li s-subbasta issir fuq oggetti mobbli jew proprjeta li fiha huwa ghandu sehem indiviz, hija legalment ipproponibbli ghaliex l-intimat ma jistax f'atti ta' subbasta jipproponi li ikun hemm tpartit ta' bejgh ta' proprjeta bi proprjeta ohra, kemm mobbli, kif wkoll immobbli; r-rikors promotur jiddetermina l-proprjeta li ghandha tinbiegh li giet debitament stmata mill-Perit tal-Qorti;*

*IIli minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemmx dubbju li l-ezekuzzjoni ghandha issir fuq oggetti li jissodisfaw il-kreditu kollu; l-vettura Peugeot 308 bin-numru ta' registrazjoni "NADEGE" ma tkopriex il-kreditu dovut u dwar l-appartament numru 7,"Hyde Park" Triq is-Sultana Paola, l-intimat m'ghandux is-sehem fl-intier tieghu; apparti mill-fatt li dan wkoll ma jkopriex il-kreditu tal-esponenti;*

*Ghaldaqstant t-talbiet tal-intimat ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."*

Rat il-verbal tas-6 t'Ottubru 2014, fejn il-partijiet qabblu li Dorianne Sammut ghandha taghmel kontro-mandat fl-ammont limitat ghall-dovut ta' €17,100.97 imsemmi fid-dokument ittra tal-HSBC datat 3 ta' Ottubru 2014;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota ta' Dorianne Sammut tal-21 ta' Novembru 2014 (a fol. 98 et seq.);

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Qorti tibda biex tippreciza li skond il-verbal kongunt tat-13 ta' Novembru 2014 il-partijiet informaw lil-Qorti **li l-meritu tar-rikros huwa ezawriet** , stante li partijiet ftiehmu u sar il-pagament tal-arretrati tal-pagament s'Ottubru 2014. Illi in oltre il-partijiet iddikjaraw li l-**vertenza tibqa' biss fuq il-kap tal-ispejjez.**

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Qorti wara li rat u ezaminat ix-xhieda kollha tal-kaz, b'mod specjali d-dokumenti ezebiti inkluz il-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjetajiet tal-intimat u s-sentenza tal-Imhallef Abigail Lofaro datata 31 ta' Lulju 2014 a fol. 8, li biha cahdet it-talba ta' Carmelo sive Charles Sammut ghar-revoka tal-mandati, taghraf li Dorianne Sammut intavolat il-mandat ta' sekwestru numru 172/13 u mandati t'inibizzjoni numri 147/13 u 173/13 in vista tal-fatt illi zewgha Carmelo sive Charles Sammut in segwitu tal-proceduri ta' separazzjoni **ghabba l-komunjoni tal-akkwisti b'ammont konsiderevoli ta' dejn,u cioe' €800,000** u dan **apparti il-*home loan* tal-kontendenti li hija ghal €350,000**. Irid jinghad illi sussegwentement dan id-dejn tal-komunjoni **gie saldat.**

Jirrizulta illi din it-taghbija tal-komunjoni tal-akkwisti kienet il-mottiv wara l-hrug ta' mandat ta' sekwestru, fl-ismijiet premessi 172/13 u l-mandati t'inibizzjoni fl-istess ismijiet, numru

147/13 u 173/13. Jirrizulta b'mod car ukoll illi din kienet fost r-ragunjiet li induciet l-Imhallef Lofaro fid-digriet taghha tal-31 ta' Lulju 2013 **tichad it-talba ta' revoka ta' tali mandati**. – Vide sentenza a fol. 8 sa 10 tal-atti:

> ***"Il-fatt li r-rikorrenti diga ghamel hekk fil-passat (ghalkemm prezentement ma hemm ebda dejn fuq il-kumpaniji) juri li fil-verita' f'kaz li jigu revokati l-mandati r-rikorrent ikun jista' jerga jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti b'aktar dejn anka abbazi tal-fatt li skond il-Memorandum and Articles of Association ir-rikorrenti ghandu il-poter assolut li japplika u jottieni facilita' wahdu."*** - A fol. 10.

Il-Qorti taghraf illi dawn il-proceduri gew intavolati sabiex tigi imwaqqfa is-subbasta ai termini tal-Artikolu 353(1) u 353 (2) tal-Kap. 12 u cioe' 'l ghaliex Carmelo sive Charles Sammut ghandu hwejjeg mobbli cioe' flus fl-HSBC Bank Malta Plc u 'l ghaliex kien qieghed jipprezenta bhala immobbli alternattivi, terz indiviz tal-appartament numru 7, Hyde Park Triq is-Sultana Paola.

Il-Qorti taghraf illi l-manteniment dovut sal-14 t'Ottubru 2014 gie mhallas mir-rikorrenti fil-mori tal-kawza.

Illi l-Qorti rat u ezaminat l-atti kollha tal-kaz u **ma tista' timpunja ebda malizzja jew abbuz ta' drittijiet legali jew procedurali fl-agir u l-ghemil ta' Dorianne Sammut** li aggixxiet sempliciment b'dak kollu permess lilha mill-ligi **biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha**. L-istess pero ma jistghax jinghad ghal Carmelo sive Charles Sammut.

Ghaldaqstant il-Qorti waqt illi tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti Carmelo sive Charles Sammut kif dedotti fir-rikors tieghu datat 22 t'Awwissu 2014, in vista tal-ftehim u l-hlas tal-arretrati ta' manteniment, taghraf illi jkun gust u ghaqli li l-ispejjez ikunu a karigu tal-istess Carmelo sive Charles Sammut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------